MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 842/2006

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Carmen Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi fejn is-socjeta` attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta` sebgha mija, tmienja u sittin lira u zewg centezmi (Lm768.02) rapprezentanti kont in konnessjoni ma` servizz tat-telefon bin-numru 21658779 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma` l-istess avviz bhala Dok. A u Dok. B.

Ra l-risposta prezentata mill-konvenuta fl-20 ta` Novembru, 2006 fejn giet eccepita il-preskrizzjoni tal-azjoni odjerna a bazi tal-Artiklu 2156, Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta u kif ukoll li l-konvenuta qatt ma kienet ghamlet it-telefonati ndikati mis-socjeta` attrici.

It-Tribunal ezamina d-dokumenti ezebiti partikolarment f`dak a fol 3 tal-process konsistenti f`rendikont tat-telefonati maghmula l-iktar kont antik jirrisali ghas-7 ta` Dicembru, 2001 u kif ukoll ghal dokument ezebit a fol 2 tal-process li jikkonsisti fil-kuntratt ta` servizz maghmul mis-socjeta` attrici mal-konvenuta Carmen Darmanin.

Innota illi l-PL Noel Scerri ghan-nom tas-socjeta` attrici ddikjara illi in konnessjoni mat-talba tieghu w b`referenza ghaz-zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, huwa qieghed jistrieh interament fuq dawn iz-zewg dokumenti minnu ezebiti a fol. 2, 3 u 4 tal-process.

Ra li l-konvenuta ghalkemm is-seduta kienet thalliet ghal lum 8 ta` Marzu, 2007 ghal provi kollha tal-partijiet, hija naqset li tidher u naqset illi tipprezenta provi in sostenn ta` l-eccezzjonijiet minnha sollevati.

In vista tal-premess ghalhekk, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta w kif ukoll jichad l-eccezzjoni fil-meritu w kwindi jiddikjara li in vista tal-provi dokumentarji ezebiti hija l-konvenuta biss li ghandha tigi meqjusa unikament responsabbli ghal kontijiet in kwistjoni u ghalhekk it-Tribunal qieghed jilqa` it-talbiet attrici w jikkundanna lil konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici, is-somma mitluba ta` sebgha mija, tmienja u sittin lira u zewg centezmi (Lm768.02) bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------